MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Numru. 156/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**Vs**

**Alfred Spiteri ta’ 47 sena, bin George u Salvina nee` Schembri imwieled Valletta fit-30 ta’ Gunju 1958 u li joqghod 129, St. Paul’s Street, Valletta detentur tal-karta ta’ l-idntita` bin-numru 494658(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Alfred Spiteri li permezz taghha huwa gie akkuzzat talli:

1. B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ imsijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha ta’ haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex

iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm1000 bi hsara ta' Patrick Pace detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 156366(M) u dana bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Approprja ruhu minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligi tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, li jammontaw ghal aktar minn Lm1000 li jappartjenu lill-istess Patrick Pace dententur tal-karta ta' l-identita bin-numru 156366(M) u dana bi ksur ta'l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li ikun indahal jew biegh jew mexxiehom u dana bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet minn fejn jirrizulta illi it-tielet akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel u it-tieni akkuza.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-imputat f'dana l-istadju tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi migjuba kontra tieghu u qieghda tilliberah mit-tielet akkuza stante illi fl-ewwel lok ma tirrizultax u inghatat mill-prosekuzzjoni biss bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat jidher illi iddispjacih ghall-akkadut, ghandu

fedina penali kwazi netta u finalment ukoll, peress illi jidher, illi huwa fil-fatt ma ghamel l-ebda qliegh minn dana ir-reat, li tieghu kien biss komplici.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta' u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta' l-imputat u wara li rat l-artikoli 308, 309, 310(1), 293 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Alfred Spiteri hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi u filwaqt li tilliberah mit-tielet akkuza migjuba stante illi dina hija biss akkuza alternattiva, qieghda tikkundannah ghal perjdou ta' prigunerija ta' erbatax-il xahar li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9, dana l-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 403(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tordna illi l-atti flimkien ma' kopja ta' dina s-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini ta' l-artikolu 401(3).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------